**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Farrugia**

**Kump. Nru. 951/2006**

**Illum 27 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Farrugia** bin Clemente u Carmela nee Caruana imwieled Kirkop fit-12 ta` Ottubru 1955 u residenti 47, Triq Santu Rokku, Kirkop, detentur tal-karta ta` l-identita numru **726955(M)**, fejn gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fix-xahar ta' Mejju

2006 u fis-snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. ikkorrompa lil Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija esekuttiva.

2. Talli ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi weghed, ta jew offra sew b'mod dirett jew indirett xi vantagg mhux xieraq lil Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Esekuttiva li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-pulizija, sabiex igieghel lil Patrick Spiteri jezercita dik l-influwenza;

3. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi fil-kariga tieghu ta ricevitur tal-istess lottu jew impjegat tieghu, ghamel lottu klandestin jew gabar flus tal-gugati fuqu jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk;

4. Kif ukoll talli b'hekk ikkommetta waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza taghha ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tinfliggi il-piena stabbilta mill-ligi, tordna wkoll konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tat-2 ta` Frar 2007 (ara folio 40) fejn iddecieda li l-imputat jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati, u l-kunsens ta` l-imputat sabiex il-kawza tieghu tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati, moghti fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2011 (ara verbal a folio 69);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal taghha tad-9 ta` Ottubru 2023 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, dak li rrizulta f'dan il-procediment kien is-segwenti.

**L-iSpettur Angelo Gafa (illum Kummissarju tal-Pulizija)** jixhed nhar l-1 ta' Dicembru, 2006 u jispjega li nhar l-24 ta' Gunju 2006 gie mqabbad flimkien ma spetturi ohra mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jghamlu xi spezzjonijiet u anke jarresta xi nies f'B'Bugia u dan in konnessjoni ma loghob klandestin. Dakinhar kien arresta lil Leonard Cachia filwaqt li l-ispettur Antonovich Muscat kien arresta lil imputat li gharaf prezenti fl-awla. Saru jafu dakinhar li, apparti l-loghob fuq l-idejn, il-persuni

kkoncernati kienu anke nvoluti f'xi illegalita mal-ex Supretendent Patrick Spiteri.

Huwa kien l-ewwel kellem lil Leonard Cachia li apparti li kien ikkonferma xi affarijiet li jirrigwardaw lilu, kien anke stqarr mieghu li huwa (referenza ghall-imputat) proprjetarju tal-banka tal-lottu ta' B'Bugia numru 78 sitwata quddiem il-knisja ta' B'Bugia. Jghid li dan Leonard Cachia kien laqqa' lill-imputat ma certu Gejtu fejn it-Torri ta' San Lucjan, M'Xlokk u dan minn naha tieghu kien laqqghu mas-Supretendent Patrick Spiteri, u dan sabiex jaghtih xi flus sabiex ma jibghatux il-pulizija u ma jghamlux rejds ghal loghob klandestin li kien qed jghamel.

Ftit wara li kien interroga lil Leonard Cachia fl-24 ta' Gunju 2006, kien gie imqabbad biex jinterroga lill-imputat odjern. Jghid li sahansitra fl-ewwel gurnata kien anke gie kkonfrontat ma Gejtu Zerafa, ma Leonard Cachia u mas-supretendent Patrick Spiteri nnifsu li filwaqt li dawn kollha kienu qed ighidulu *'Ehe vera iltqajna flimkien, laqqajtek eccettera eccettera u kont tghaddili dawn il-flus*' dan (l-imputat) baqa jinnega l-involviment tieghu li kien jorganizza loghob klandestin u kif ukoll li kien qieghed ixahham lis-supretendent Patrick Spiteri.

L-ghada fil-25 ta Gunju 2006 kien rega kellem lill-imputat l-istess bhal l-ewwel darba u dan ammetta li kien fil-fatt organizza loghob klandestin – illegal gambling mill-lotto booth tieghu numru 78 u li kien ilu jaghmel dan ghal madwar erba' jew hames snin qabel. Qallu li pero dan il-loghob klandestin li kien jorganizza kien jikkoncerna biss il-prima – dan x'qal hu u kellu madwar mitt persuna li kienu jilghabu dan il-loghob fuq l-idejn. Kien

spjegalu ukoll taht l-istess twissija kif xi tlett snin qabel kien sar jaf lil dan Gejtu Zerafa u li dan kien habib tas-supretendent Patrick Spiteri li dan wara li kien laqqghu mieghu l-istess Nardu Cachia. Dan Gejtu Zerafa laqqa' lill-imputat mas-supertendent Spiteri wara li dan kien talbu sabiex jaghmel dan u dan l-inkontru riedu mas-Supretendent Spiteri sabiex ma joqghodx jibghatlu l-pulizija jirrejdjawlu l-banka tieghu in konnessjoni mal-loghob klandestin. Fil-fatt l-imputat fl-istqarrija tieghu kien qal li kien iltaqa' mas-Supretendent Spiteri gewwa l-ufficcju tieghu fl-ghassa ta' Bormla fejn dan minn naha tieghu kien assikura li ma kienx ser jibghatlu pulizija izda sabiex jghamel dan kellu jaghtih pagament fix-xahar. Minn dak iz-zmien 'l hawn qallu jigifieri minn xi tlett snin qabel dan, l-imputat stqarr li kien filfatt jghaddi hamsin lira Maltin lil Gejtu Zerafa sabiex ighaddihom lis-supretendent Patrick Spiteri kif filfatt kien gie miftiehem fl-inkontru mal-ex supretendent Spiteri u dan sabiex ma jibghatlux pulizija halli jirrejdjawlu l-banka tieghu peress li kien qieghed jorganizza dan il-loghob klandestin.

F'dan l-istadju x-xhud esebixxa l-istqarrija ta` l-imputat li giet rilaxxjata nhar il-25 ta' Gunju 2006 (dok 1); esebixxa wkoll sentenza moghtija fil-konfront ta` l-imputat nhar il-21 ta' Novembru, 2003 u giet markata bhal dok 2.

L-**ispettur Antonovich Muscat** xehed nhar l-1 ta Dicembru 2006 u stqarr li jum is-Sibt, l-24 ta' Gunju 2006 ghall-habta ta' nofsinhar ircieva struzzjoni minghand id-Deputat Kummissarju tal-pulizija Joseph Cachia biex imur flimkien ma zewg ufficjali ohra tal-pulizija u cioe PS 839 Stephen Micallef u PC 116 Timothy James Zammit sabiex imorru fil-banka tal-lottu numru 78 gewwa Triq B'Bugia, B'Bugia. Qallu li din hija propjeta ta' certu Carmelo

Farrugia li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat odjern u biex jghamlu tfittxija ghal kull haga illegali li jista' jkollu specjalment lottu klandestin.

Waslu fuq il-post ghall-habta ta' nofsinhar jew il-kwarta u sabu lil Martin Mc Kay detentur tal-karta ta identita numru 43955M u lil certu Mario Griscti detentur tal-karta ta identita numru 816451M u talabhom fejn kien sid il-banka u cioe l-imputat u dawn qalulu li kien ghadu kemm jillarga naqra. Cemplulu dak il-hin biex imur lura u qalulu li huma kienu qedin hemm biex ituh daqqa t'id u jghinuh.

Meta sar search fil-presenza ta' l-imputat elevaw xi affarijiet u hargu ricevuta ghalihom. Qal li fosthom kien hemm diary tas-sena 1999, xi pocket li kien fih il-biljetti tal-lottu, plastic pocket iehor li kellu xi notebook go fih, notebooks ohrajn u template forms indirizzata lis-social security Department li jista jissarraf ic-cekkijiet tas-Social Service ghal terzi persuni. Dawn ittiehdu minn fuq il-post skond l-ircevuta. Fl-istess hin talab lill-imputat biex jghalaq il-lotto booth u jmur mieghu id-Depot tal-Pulizija ghal iktar investigazzjonijiet. Huwa imbaghad beda ikellmu. Sussegwentement inghata struzzjoni minghand l-Assistent Kummissarju biex imur jarresta persuna ohra u halla lill-imputat f'idejn l-allura spettur Angelo Gafa ghall-aktar investigazzjoni.

**Raymond Scicluna** xehed nhar l-1 ta' Dicembru, 2006 u dan fil-kariga tieghu ta' Control Officer, Lotto and Gaming Authority. Dan stqarr li l-imputat kellu licenzja mahruga mill-Awtorita nhar l-1 ta' Novembru 2004 u dan bhala *lotto receiver* u dan biex jopera mill-lotto booth numru 78.

**Gejtu Zerafa** xehed nhar l-1 ta Dicembru 2006 u dan wara li inghata il-caution li seta ma jwegibx domandi li setghu jinkriminawh. Jghid li jaf lill-imputat bhala persuna li jbiegh il-lottu f'B'Bugia. Qal li s-supretendent Spiteri kien jibghat lilu ghand l-imputat darba fix-xahar biex jigbor is-somma ta' hamsin lira Maltin (LM50) minghandu. Jghid li mal-imputat kien laqqghu Nardu tal-haxix u kienu iltaqghu l-ewwel darba fejn it-Torri ta San Lucjan, M'xlokk xi sitt snin qabel ma xehed; jghid li kien hadu ghand is-supretendent Spiteri gewwa Bormla il-ghaliex dak iz-zmien kien stazzjonat hemm. Qal li kien iltaqa' mieghu dakinhar u dan sabiex jekk il-pulizija ikunu nizlin jghamlu xi tfittxija, ghandu javzah qabel. U dan ghaliex kien jghamel il-lottu fuq l-idejn. Jghid li kien mar isaqsi lilu ghaliex huwa kien habib tas-sur Spiteri. Kien hu li qal lill-imputat li is-sur Spiteri irid hamsin lira Maltin fix-xahar (LM50). Jghid li dakinhar is-sur Spiteri u l-imputat tkellmu quddiemu gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla. Qal li is-sur Spiteri kien qal lill-imputat biex joqghod attent u dan talbu li jekk ser ikunu sejrin xi pulizija jghamlu xi search ghandu ikun avzat u s-sur Spiteri wiegbu li kien ser jinformah li kienu ser ikun hemm il-visti mieghu. Kien hu li kien jigbor il-hamsin lira Maltin fix-xahar minghand l-imputat u jghaddiha lis-sur Spiteri. Jghid li kien jigbor il-flus minghand l-imputat kull xahar u jghaddihom lis-sur Spiteri. Dam sejjer hekk ghal xi sitt snin. Dam jirvcievi l-flus sa xahar qabel ma inqala' dan il-kaz.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2007 fejn id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq prova dwar l-identita tal-imputat dwar is-sentenza moghtija u esebita fl-atti u mmarkata bhala dok2.

**Patrick Spiteri** deher il-Qorti nhar id-9 ta Jannar 2007 u fit-13 ta' Lulju 2009 u stqarr li ma kienx lest li jghati id-deposizzjoni tieghu stante li kien ghaddej proceduri kriminali ma riedx jixhed f'dawn l-atti biex ma jinkriminax ruhu.

**Leonard Cachia** deher il-Qorti nhar id-9 ta' Jannar, 2007 u spejga li kien ghaddej proceduri kriminali u ghalhekk ma xtaqx jixhed f'dawn l-atti f'dak l-istadju. Pero nhar it-13 ta Lulju 2009 stqarr li l-proceduri kriminali kienu gew decizi fil-konfront tieghu u gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija. Il-kawza kienet giet deciza anke mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Jghid li qabel ma dahal jiskonta is-sentenza ta' prigunerija li ircieva minhabba l-fatt li instab hati tar-reat ta' loghob klandestin, xogholu kien ta' bejjiegh tal-haxix f'B'Bugia. Jghid li kien jopera mill-hanut bl-isem Nardu Green Grocer. Qal li jaf lill-imputat u ilu jafu ghal zmien twil. Jghid li jaf li l-imputat ghandu banka tal-lottu f'B'Bugia. Qal li kien instab hati wkoll talli kien jghaddi hamsin lira maltin fix-xahar lil Gejtu Zerafa. Jghid li Gejtu kien talbu biex ilaqqghu ma l-imputat u rreferera ghalih bhala Karmnu tal-banka tal-lottu. Qal li imbaghad laqqaghhom fejn it-Torri ta San Lucian. U telaq 'l hemm dakinhar.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi f'dan l-istadju jehtieg li jigu ndirizzati xi punti procedurali qabel ma ssir analizi tal-evidenza u l-valur probatorju taghha.

Illi ghalkemm l-imputat kien wiegeb li hu hati waqt l-interrogatorju li kien sehh fl-1 ta` Dicembru 2006 (ara folio 8), huwa kien bidel tali pozizzjoni ghal wahda ta` mhux hati propju fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2007 (ara folio 41). Din il-Qorti ghalhekk sejra tiskarta t-twegiba li l-imputat kien ta fl-interrogatorju fejn wiegeb li hu hati u sejra tipprocedi ghall-istadju li jmiss.

Illi minnufih f'dan li stadju din il-Qorti sejra tiskarta kompletament l-istqarrija li l-imputat ta lill-investigaturi nhar il-25 ta` Gunju 2006 u qed tqis tali stqarrija bhala li ma ghandha ebda valur probatorju; u dana fuq li skorta ta` sentenzi fir-rigward u cioe ghar-raguni illi l-imputat kien irrilaxxja tali stqarrija meta ma kienx assistit minn avukat.

Illi ukoll, din il-Qorti qed tiskarta kompletament dik il-parti tax-xhieda li kien ta l-ispettur (illum Kummissarju tal-Pulizija) Angelo Gafa, fejn fid-depozizzjoni tieghu ix-xhud jaghmel referenza ghall-istqarrija ta` l-imputat, ghal dak li qallu l-imputat u ghal dak li seta qallu s-supretendent Patrick Spiteri – u dana kemm ghar-raguni gia msemmija fil-paragrafu precedenti u wkoll minhabba l-fatt li Patrick Spiteri qatt ma ta d-depozizzjoni tieghu f'dawn l-atti odjerni.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni (artikoli 18, 120(1) u 115(c) tal-kap 9) u t-tieni imputazzjoni (artikoli 18, u 121A(1) tal-kap 9), din il-Qorti, a skans ta` ripetizzjoni, taghmel referenza u taghmel taghha l-insenjament ta` din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-15 ta` Dicembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Leonard Cachia" (950/2006 per Mag. Dr. Edwina Grima – illum Imhallef). A bazi ta` tali insenjament u ta` dak stabbilit bis-sentenzi tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali, l-imputat ma jistax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

Illi mhux l-istess jista jinghad pero` ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Din il-Qorti temmen il-verzjoni u tqis bhala veritiera d-depozizzjoni, tax-xhud Gejtu Zerafa. Din id-depozizzjoni hija, fil-konfront ta` l-imputat Carmel Farrugia, meqjusa minn din il-Qorti bhala wahda *damning*. Din id-depozizzjoni ghandha wkoll titqies fid-dawl tad-depozizzjoni ta` l-ispettur dak iz-zmien Angelo Gafa (illum Kummissarju tal-Pulizija) dwar il-konferma bil-gurament li Patrick Spiteri kien ufficjal, supretendent, fil-korp tal-pulizija u allura ufficjal pubbliku.

Illi fis-sentenza fuq imsemmija (950/2006), il-Qorti tal-Magistrati tippuntwalizza :

*L-artikolu 115 u 120(1):*

*L-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 jitratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku. Is-subinciz ( c ) jaqra hekk:*

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni ma-lkariga jew impieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati ... jekk barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn .."*

*Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita ukoll l-artikolu 120, fejn tqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku. Dana huwa applikabbli ghal kaz odjern peress illi l-imputat huwa akkuzat li ikkorrompa ufficjal pubbliku, li f'dana il-kaz huwa l-ex Supretendent tal-pulizija Patrick Spiteri.*

*Illi mill-assjem tal-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, irrizulta minghajr dubbju illi fi zmien il-kommissjoni tar-reat, Patirck Spiteri kien fil-fatt Supretendent tal-Pulizija u kwindi ufficjal pubbliku. Illi gie ippruvat ukoll illi l-imputat kien ghal diversi snin ixahham lil dan l-ufficjal pubbliku billi ihallsu somma flus fix-xahar sabiex huwa seta' ikompli jaghmel il-qliegh minn loghob klandestin minghajr ebda indhil da parti tal-pulizija. Illi dana il-ftehim kien intlahaq mas-supretendent fl-ufficcju tieghu gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Illi permezz ta' dan l-arrangament l-ex Supretendent kien qed jonqos mid-doveri tieghu billi jippermetti illi l-imputat ikompli jikser il-ligi minghajr ma jipprocedi kontra tieghu skond il-ligi. Anzi huwa tah il- "barka" tieghu u in kontrakambju ghal dina l-"barka", l-ex supretendent kien jircevi il-hlas minn ghand l-imputat! L_imputat ghamel diversi snin jorganizza il-loghob klandestin u ghalhekk jikkometti reat bil-konsapevolezza shiha da parti tas-Supretendent. Illi l-offerta tal-flus kienet tigi accettata b'mod regolari mill-Ex-Supretendent talPulizija,*

*liema flus kienu jigu mghoddija lilu mill-imputat tramite Gejtu Zerafa li xehed f'dawn il-proceduri u ammetta dak kollu li kien qieghed isir.*

*………. Dana qed jinghad ghaliex fil-mument illi l-imputat accetta illi ihallas il-flus u dana sabiex jikseb vantagg ghalih, u cioe' illi ikompli jippersisti fl-azzjoni tieghu illegali minghajr ebda problemi minn naha tal-pulizija, huwa irrenda ruhu komplici fil-kommissjoni ta-rreat ikkontemplat fl-artikolu 115. Illi huwa minnu, kif tikkontendi id-difiza, illi membri fil-Korp tal-Pulizija li jaccettaw kwalunkwe tip ta' korruzzjoni ghandhom jigu ikkundannati bi shih, madanakollu, dawk in-nies illi jasslu sabiex jikkorrompu dawn l-ufficjali pubblici ghandhom jigu ikkundannati bl-istess mod u dana sabiex hadd ma jazzarda jahseb illi jista' jaghmel dana sabiex ikun jista' jikser il-ligi minghajr ebda xkiel!*

Illi allura, fid-dawl tad-depozizzjoni li kien ta x-xhud Gejtu Zerafa nhar l-1 ta` Dicembru 2006, u in vista ta` dak hawn fuq stabbilit, din il-Qorti tqis li ngabu il-provi idoneji sabiex a bazi taghhom l-imputat jista jinstab hati ta` l-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni, dik imsejsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 70 (artikoli 12, 16 u 19). Fuq medda ta` zmien l-imputat, li kien izomm lottu klandestin, ikkorrompa wkoll lill-ex supretendent Patrick Spiteri.

Dan kollu kien ifisser allura li l-imputat Carmelo Farrugia gie li kkommetta reat/i waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza kif del resto gie addebitat lilu fil-paragrafu (4) ta` l-att tac-citazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli din il-Qorti hija ggwidata mhux biss mill-ligi izda wkoll bis-sentenza fuq imsemmija tal-15 ta` Dicembru 2008 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali moghtija fis-26 ta' Marzu, 2009 (Appell Kriminali Numru. 389/2008 JGD) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. A. Gafa') Vs Leonard Cachia", u kif wkoll iggwidata mir-realtajiet ta` dan il-process kriminali u cioe mill-eta` ta` l-imputat u t-trapass taz-zmien, fatturi dawn li huma mhux ta` ftit importanza.

**Decide.**

**Ghaldaqstant u ghall-motivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 17(h), 18, 28A, 28B, 31, 115, 115(c), 120 u 120(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 12, 16 u 19 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddisponi minn din il-kawza bil-mod segwenti;

(a) Issib u tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-Ligi; izda

(b) ssibu u tiddikjarah hati tal-kumplament ta' l-imputazzjonijiet u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar, li pero`, bis-sahha ta` l-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta` tlett snin millum, *kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€500).*

(c) Riferibbilment ghall-addebitu tal-kommissjoni ta` reat fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza skond il-paragrafu numru (4) fl-att

tac-citazzjoni, din il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna illi l-perjodu operattiv ta` tlett snin impost bis-sentenza ta` din il-Qorti diversament preseduta (Mag. Dr. Saviour Demicoli) tal-21 ta` Novembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Carmel Farrugia", jerga jibda mill-gdid jiddekorri mill-mument li din il-kawza odjerna tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu u l-konsegwenzi/l-effetti tal-ordnijiet hawn fuq imposti.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur